



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10411/23
ADD 3

AG 48
INST 209
JAI 822

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Ġunju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni Proposta għal korp interistituzzjonali tal-etika - Ittra mill-President von der Leyen lill-E.T. is-Sur Ulf Kristersson, Prim Ministru tal-Iżvezja

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż ittra mill-President von der Leyen lill-E.T. is-Sur Ulf Kristersson, Prim Ministru tal-Iżvezja.

Mehmuż: Ittra tat-8 ta' Ġunju 2023



KUMMISSJONI EWROPEA

Ursula von der Leyen
Il-President

Brussell,

Sur Prim Ministru,

dear Ulf

Nixtieq ninfurmak li illum il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni intitolata "Proposal for an interinstitutional ethics body" (Proposta għal korp interistituzzjonali tal-etika - mhix disponibbli bil-Malti). Din il-komunikazzjoni hija akkumpanjata minn abbozz ta' ftehim bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi konsultattivi elenkati fl-Artikolu 13 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u minn dikjarazzjoni finanzjarja.

Din il-proposta ssegwi l-impenn tiegħi fil-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea 2019-2024 biex nappoġġaw il-ħolqien ta' korp tal-etika komuni għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE u biex naħdmu mill-qrib mal-istituzzjonijiet l-oħra biex jinkiseb dan.

Ir-raġuni hija li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għandhom ikunu ugwalment miftuħa u ma jagħtu lok għall-ebda kritika fir-rigward tal-etika, it-trasparenza u l-integrità jekk irridu li l-Ewropej jibqa' jkollhom fiduċja fl-Unjoni. L-etika hija fundamentali għall-funzjonament tal-istituzzjonijiet Ewropej, u l-membri tal-istituzzjonijiet kollha jistennew imġiba etika eżemplari.

Ladarba jkun fis-seħħ, il-korp interistituzzjonali tal-etika jkollu l-kompitu li jiżviluppa standards etiċi komuni li l-istituzzjonijiet u l-korpi konsultattivi kollha għandhom jirrispettaw u jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw fir-regoli interni tagħhom għall-membri tagħhom. L-objettiv huwa li tiġi żgurata linja bażi komuni fir-regoli applikabbli tal-istituzzjonijiet u li jinħoloq fehim reċiproku dwar liema imġiba etika hija mistennija mingħand persuni li għandhom l-ogħla funzjonijiet fl-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, il-korp futur jirrappreżenta element determinanti għid fil-ħolqien ta' kultura istituzzjonali komuni fl-Unjoni Ewropea bbażata fuq standards minimi komuni. B'hekk dan jikkontribwixxi biex tissaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet u l-membri tagħhom.

./..

L-E.T. is-Sur Ulf Kristersson,
Prim Ministru tal-Iżvezja

Commission européenne/Europese Commissie, 1049 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË
Tel. +32 2299 11 11

Il-korp interistituzzjonali tal-etika, kif propost mill-Kummissjoni, tfassal biex jiġi żgurat li jiffoka fuq kompiti b'valur miżjud mingħajr ma jidduplika strutturi eżistenti u li jiffunzjonaw. L-istruttura u l-kompetenzi tal-korp propost jirriflett u l-kwistjonijiet kumplessi u sensittivi tal-bilanċ istituzzjonali, l-awtonomija istituzzjonali u l-qafas legali tat-Trattati, li tqajmu fil-kuntatti interistituzzjonali li ppreċedew l-inizjattiva.

Għandi l-pjaċir nistiednek tiegħi sehem fid-diskussjonijiet interistituzzjonali dwar din il-proposta għal ftehim konġunt biex jiġi stabbilit korp interistituzzjonali tal-etika. F'dan il-kuntest, napprezza jekk tkun tista' taħtar rappreżentant biex jipparteċipa fid-diskussjonijiet mal-Kummissjoni waqt l-ewwel laqgħa fiżika nhar it-Tnejn 3 ta' Lulju, waranofsinar fi Brussell. Il-Viċi President Věra Jourová ser tkun qed tirrappreżenta lill-Kummissjoni fid-diskussjonijiet.

Dawn id-diskussjonijiet ser ikunu importanti biex tiġi definita t-triq 'il quddiem għall-ħolqien ta' dan il-korp interistituzzjonali tal-etika u b'hekk biex, għall-ewwel darba, jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' koordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet dwar l-istandards etiċi applikabbli għall-membri rispettivi tagħhom. Ninsab konvinta li l-għan komuni tagħna huwa li nipproponu soluzzjonijiet li huma legalment b'saħħithom, sinifikattivi, fattibbli u li jiżguraw l-oġġettiv li integrità li ċ-ċittadini Ewropej jistennew mingħand dawk li għandhom l-oġġettiv funzjonijiet fil-livell tal-UE.

Dejjem tiegħek,



Ursula von der Leyen

Annessi:

Komunikazzjoni "Proposal for an interinstitutional ethics body"

Abbozz ta' ftehim

Dikjarazzjoni finanzjarja